**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2001**

**Numru 2**

**Avviz. numru 149/01JR**

**Vincenza u Emanuel konjugi Borg**

**vs**

**Alexander Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Frar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm127.50), risultanti minn incident stradali li sehh f'Misrah il-Hamsa t'Ottubru, l-Imsida, fis-6 ta' Settembru, 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura EBY-579 ikkaguna skontru mal-vettura BAF-376, dak il-**

**hin misjuqa mill-attrici u dan minhabba imrudenza, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.**

**Ra li fis-seduta tas-17 t'April, 2001, il-konvenut deher u verbalment ikkontesta t-talba attrici, pero` baqa' ma pprezentax risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Vincenza Borg u P.S.524 Paul Cassar. Ra li l-kaz kien thalla ghall-provi tal-konvenut pero` dan baqa' ma deherx. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda kollizjoni li grat fis-6 ta' Settembru, 2000, ghall-habta tal-5.30p.m. hdejn Misrah il-Hamsa t'Ottubru, l-Imsida, hdejn il-"pitch" tal-bocci. Il-vetturi involuti fil-kollizjoni kienu il-vettura BAF-376 misjuqa mill-attrici u l-vettura (xarabank) EBY-579 misjuqa mill-konvenut.**
2. **Iz-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni, cioe` fid-direzzjoni tal-Belt u ta' Tas-Sliema. Il-vettura tal-attrucu kienet fil-karregjata ta' gewwa, filwaqt li x-xarabank kien fil-karreggjata ta' barra. L-attrici kienet gejje mid-direzzjoni ta' Valley Road, Birkirkara. Il-konvenut**

**kien gej mit-"traffic lights" u skond ir-"road accident report" kellu l-"indicator" mixghul.**

3. **Pero` it-Tribunal jinnota in partikolari li ma jirrizultax li l-attrici kienet qed tipprova taghmel xi manovra ta' surpass minn gewwa, u hu aktar verosimili min kif spiccaw il-vetturi, li l-konvenut rass ghall-fuq l-attrici bil-konsegwenza li habat mal-vettura taghha. Ghaldaqstant ghall-incident in kwistjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut.**
4. **Id-danni li garrbet l-attrici kienu s-segwenti:**

**Panel beating u rimpjazzar ta' bieba: tmienja u hamsin lira Maltija (Lm58.00);**

**Spray painting: tletin lira Maltija (Lm30.00);**

**Kiri ta' karrozza: hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00);**

**Road accident report u sketch: tlett liri (Lm3.00)**

**Ittra u konsult legali: hdax-il lira u hamsin centezmu (Lm11.50).**

**Dawna jammontaw b'kollox ghall-ammont mitlub ta' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm127.50). It-Tribunal pero` ma jistghax jilqa' t-talba ghall-hlasijiet tal-konsult legali u dana a tenur ta' l-Artikolu 10(2) ta' l-Att V ta' l-1995. ghalhekk l-ammont likwidat huwa ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116.00).**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, u stante li ghall-incident kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma msemmija ta' mija u sittax-il lira Maltija (Lm116.00), bl-imghax legali li mis-6 t'April, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment skond il-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**